# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Gimgha, 11 ta' Novembru, 2022**

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 3/2021ISB**

**Av. Antoine Naudi (K.I. Nru. 448570M) bħala mandatarju speċjali ta' Omer Faruk Ozbek, detentur tal-passaport Tork bin-numru U00216523**

**vs**

**Alternative Energy Holdings Limited (C-51468) u Ivan Cini (K.I. Nru. 273773M)**

**DIN HIJA SENTENZA PARZJALI ILLI TITTRATTA L-EWWEL EĊĊEZZJONI MRESSQA MILL-INTIMATI FIR-RISPOSTA TAGĦHOM TAT-23 TA' APRIL 2021 (FOL 52)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** tal-**Avukat Antoine Naudi noe** pprezentat fid-19 ta' Jannar 2021, u li permezz tiegħu huwa talab lil Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija u illi sejrin jigu trattati fil-kors ta' dan ir-rikors, l-ommissjonijiet u/jew l-azzjonijiet mehuda da parti tal-intimati jew minn minnhom qed jirreka u x'aktarx ser jkompli jirreka lir-rikorrenti pregudizzju b'mod ingust (unfairly prejudicial) ai termini ta' l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-"audited financial statements" tal-kumpanija intimata registrati mar-Registratur tal-Kumpaniji jigu meqjusa bhala nulli u bla ebda effett fil-ligi stante illi dawn qatt ma gew approvati mill-kumpanija intimata f'laqgha generali mghajta kif suppost ai termini tal-ligi;*

3. *Tiddikjara illi l-tibdiliet kollha illi saru fl-istatut tal-kumpanija intimata mill-1 ta' Jannar 2017 'l quddiem, salv' il-Form T datata 3 ta' April 2019, jigu meqjusa bhala nulli u bla effett fil-ligi stante illi tali tibdiliet qatt ma gew approvati mill-kumpanija intimata f'laqgha generali mghajta kif suppost ai termini tal-ligi;*

4. *Tiddikjara illi l-awment fil-kapital datat 23 ta' Marzu 2020 a favur ta' Birol Atikol jigi meqjus bhala null u bla effett fil-ligi stante illi tali awment, minbarra illi sar bhala konsegwenza ta' laqgha generali straordinarja illi allegatament sehhet fit-23 ta' Dicembru 2019 illi ma gietx mghajta ai termini tal-ligi, iledi d-drittijiet tar-rikorrent stante illi meta saret iz-zieda fil-kapital, ma gietx segwita l-procedura tassattiva kontemplata fl-Articles of Association tal-kumpanija intimata;*

5. *Tordna illi, minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, lir-rikorrent jerga' jinghatawlu sehem fil-kumpanija intimata ekwivalenti ghall-17.16% tal-kapital azzjonarju u cioe` il-percentagg illi kellu qabel it-23 ta' Marzu 2020 meta, ad insaputa tieghu, saret "allotment" ta' ishma favur Birol Atikol;*

6. *Tnehhi lil intimat Ivan Cini bhala direttur, rapprezentant legali u guridiku u segretarju tal-kumpanija intimata u tahtar persuna idoneja floku sabiex jokkupa dawn il-karigi;*

7. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex jisfilza mill-atti registrati mieghu kwalunkwe dokument illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha illi huwa null u bla effett kif qed jintalab fil-talbiet numru tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) ta' dan ir-rikors jew kwalunkwe dokument iehor illi thoss illi jkun opportun illi jigi sfilzat mill-atti registrati mar-Registratur tal-Kumpaniji;*

8. *Taghti dawk il-provedimenti ohra opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz sabiex l-interessi tar-rikorrent fil-kumpanija intimata jigu protetti.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi l-kumpanija intimata Alternative Energy Holdings Limited giet registrata f'Malta fis-sebgha (20) ta' Dicembru 2010 bin-numru ta' registrazzjoni C-51468;*

*Illi l-intimat l-iehor Ivan Cini kien gie registrat bhala direttur tal-kumpanija intimata meta din giet inkorporata u ghadu l-uniku direttur tal-kumpanija intimata sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors. Huwa jokkupa wkoll il-kariga ta' rapprezentant legali u guridiku uniku tal-kumpanija intimata kif ukoll dik ta' segretarju uniku tal-kumpanija intimata;*

*Illi r-rikorrent Omer Faruk Ozbek huwa d-detentur ta' mitejn u sitt (206) sehem Ordinarju ta' €1 kull wiehed fil-kumpanija intimata;*

*Illi sa ftit zmien ilu, iktar precizament sat-3 ta' April 2019, is-sehem tieghu kienu qed jinzammu ghalih mill-kumpanija fiducjarja licenzjata ARX Trustees*

*Limited [C-31448], liema kumpanija kienet registrata mal-Malta Business Registry bhala d-detentrici tal-fuq imsemmija mitejn u sitt (206) sehem Ordinarju ta' €1 kull wiehed;*

*Illi fit-3 ta' April 2019, tnehhiet il-kopertura fiducjarja biex b'hekk Omer Faruk Ozbek qieghed jidher f'ismu bhala azzjonist tal-kumpanija intimata;*

*Illi l-kumpanija intimata hija d-detentrici tal-ishma kollha hlief wiehed tal-kumpanija sussidjarja taghha Eurowind Holdings Limited [C-51472] li fiha d-direttur uniku, rapprezentant legali u guridiku kif ukoll is-segretarju huwa l-intimat l-iehor Ivan Cini; [**DOK A**];*

*Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ghal-sena wara l-ohra, b'mod sistematiku, l-kumpanija intimata u b'mod partikolari d-direttur uniku taghha, naqsu milli:-*

*i. Jibghatu avviz lir-rikorrent sabiex jattendi ghal-laqghat generali tal-kumpanija intimata inkluzi tal-laqghat generali annwali kollha illi saru;*
*ii. Jibghatu kopja tal-"audited financial statements" lir-rikorrent sabiex dan tal-ahhar ikun jista' jivverifikom u jivvota fuqhom fil-laqgha generali annwali;*

*u dan nonostante, d-direttur tal-kumpanija intimata approva, ffirma u ssottometta lir-Registratur tal-Kumpaniji l-"audited financial statements" tal-kumpanija intimata bhal ma xejn mhu xejn;*

*Illi inoltre d-direttur uniku tal-kumpanija intimata, tul iz-zmien iffirma rizoluzzjonijiet allegatament bhala "estratt" mill-laqghat generali straordinarji fejn gew decizi kwistjonijiet illi jinvolvu lill-kumpanija intimata meta dawn il-laqghat fir-realta jew qatt ma saru jew qatt ma misshom saru stante n-nuqqas ta' partecipazzjoni tar-rikorrent illi intenzjonalment gie prekluz milli jattendi stante illi qatt ma gie moghti pre-avviz tal-laqghat generali;*

*Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost, ghalkemm mitluba jaghtu informazzjoni lir-rikorrent dwar l-andament finanzjarju tal-kumpanija intimata u s-sussidjarja taghha, l-intimati qatt ma fornew din l-informazzjoni lir-rikorrent;*

*Illi s-suespost sar u qed isir a pregudizzju tar-rikorrent qua azzjonist minoritarju fil-kumpanija intimata;*

*Illi dan kollu wassal sabiex ir-rikorrent qabbad ditta legali sabiex tibghat ittra fit-30 ta' Awissu 2019 [**DOK B**] fejn gibed l-attenzjoni ghal-fatt illi mill-ftit informazzjoni illi kellu, kien ovvju illi l-affarijiet tal-kumpanija intimata qed jitmexxew b'mod oppressiv, diskriminatorju u ta' pregudizzju ghar-rikorrent;*

*Illi fit-twegiba taghhom [**DOK C**], l-intimati, "inter alia", ippruvaw jehilsu mir-responsabilita' dwar l-akkadut billi jghidu:-*

*"**No general meetings were held since you became the registered shareholder of AEL. Consequently you could not have been invited to any annual general meeting, nor invited to participate in the taking of decisions at any general meeting**"*

*Illi kif sejjer jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, it-twegiba tal-intimati ma taghmilx sens fid-dawl tal-fatt illi d-drittijiet tar-rikorrent kienu qed jigu pregudikati anke fi stadju meta ismu kien kopert mill-fiducjarja licenzjata ARX Trustees Limited [C-31448] li ma kenitx qed tircievi l-avvizi ai termini tal-ligi;*

*Illi izda jekk qatt kien hemm xi dubju dwar l-oppressjoni, d-diskriminazzjoni u l-pregudizzju illi qed isofri r-rikorrent, dan johrog b'mod car u lampanti b'dak illi gara fid-data tat-23 ta' Dicembru 2019;*

*Illi infatti f'din id-data, f'mument meta allura r-rikorrent kien qed jidher fuq il-Memorandum & Articles of Association tal-kumpanija intimata bhala azzjonist f'ismu proprju, allegatament saret laqgha generali straordinarja fejn inbidel il-kapital azzjonarju tal-kumpanija, saru tibdiliet fl-istatut tal-kumpanija u gie maqbul illi jidhol azzjonist gdid certu Birol Atikol b'effett mit-23 ta' Marzu 2020 [**DOK D**], u l-kumpanija intimata dahlet f'kuntratt ta' self mal-istess Birol Atikol ghas-somma ta' €913,561 [**DOK E**];*

*Illi qed jintuzaw il-kliem "allegatament saret laqgha generali annwali" ghaliex l-intimat Cini ghazel jiddikjara illi kien hemm quorum prezenti ghall-laqgha meta dan qatt ma seta jkun il-kaz fil-mankanza tal-avviz lir-rikorrent tal-laqgha;*

*Illi minbarra l-fatt illi kif gja nghad r-rikorrent qatt ma nghata avviz ghal din il-laqgha jew sar xi tentattiv sabiex jinfurmawh biha, l-effett ta' dak illi gara fit-23 ta' Dicembru 2019 huwa illi r-rikorrent sab ruhu f'sitwazzjoni fejn b'effett mit-23 ta' Marzu 2020 [**DOK F**] il-percentagg tal-ishma illi kellu fil-kumpanija intimata giet mikhula u mnaqqsa sostanzjalment stante illi minn 17.16% tal-kapital azzjonarju, r-rikorrent illum ghandu biss 0.04% tal kapital azzjonarju u dan minghajr ma inghata l-opportunita` illi jigu "allotted" dawn l-ishma lilu!!*

*Illi haga tal-iskantament, id-direttur tal-kumpanija intimata, kif ghamel minn mindu nhatar, baqa' ghaddej jiffirma dokumentazzjoni rigwardanti l-kumpanija intimata, bhallikieku r-rikorrent ma jezistix u dan ghad-detriment tal-assi patrimonjali u d-drittijiet tal-istess rikorrent;*

Rat id-Digriet taghha kif diversament preseduta tal-1 ta' Marzu 2021 u li permezz tieghu il-kawza thalliet ghall-ewwel seduta taghha ghall-20 ta' April 2021, filwaqt illi giet ordnata n-notifika tar-rikors promotur lill-intimati b'ghoxrin jum ghat-twegiba taghhom.

Rat ir-**Risposta** tas-soċjeta **Alternative Energy Holding Limited** u **Ivan Cini**, intavolata fit-23 ta' April 2021, li permezz tagħha huma eċċeppew:

1. ***Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija improponibbli stante illi ma tinkwadrax ruħha fil-parametri tal-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta[1].***

2. *Illi l-esponenti jirrespinġu bl-aktar mod ferm bħala infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-ommissjonijiet u' jew l-azzjonijiet*

[1] Emfażi miżjud mill-Qorti peress illi din is-sentenza tittratta appuntu din l-eccezzjoni

*meħuda da parti tal-esponenti jew min minnhom qed jirreka u x'aktarx ser ikompli jirreka lir-rikorrenti preġudizzju b'mod inġust.*

***Dikjarazzjoni tal-Fatti***

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti Ivan Cini jirrileva illi fil-kapaċita` tiegħu ta' direttur tal-kumpannija esponenti Alternative Energy Holdings Limited ("AEL"), l-ewwel darba illi rċieva korrispondenza mingħand Omer Faruk Ozbek kien proprju nhar it-30 t'Awwissu 2019 fejn ir-rikorrenti nomine bagħat ittra f'isem Omer Faruk Ozbek, fejn fost talbiet oħra talab kopja tal-financial statements kollha reġistrati mar-Reġistratur tal-Kumpanniji f'Malta (Vide 'Dok B' tar-rikors promotur).*

4. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-kumpannija esponenti hija sempliċiment holding company tas-sussidjarja tagħha.*

5. *Illi b'permezz ta' ittra datata l-10 ta' Settembru 2019, id-ditta legali DF Advocates f'isem u għan-nom tal-esponenti, filwaqt illi għamlu referenza għall-fatt illi l-financial statements tal-kumpannija esponenti AEL huma dokumenti pubbliċi aċċessibli minn fuq is-sit tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, provdew kopja ta' tali financial statements lir-rikorrent nominee. (Vide 'Dok C' tar-rikors promotur). Għaldaqstant, l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti nomine illi l-esponenti ġew mitluba jagħtu informazzjoni dwar l-andament tal-kumpanija esponenti AEL u dawn naqsu milli jfornu din l-informazzjoni hija nfondata u bla bażi.*

6. *Illi in oltre, fir-rigward tal-andament finanzjarju tas-sussidjarja tal-kumpannija esponenti AEL, Eurowind Holdings Limited ("EHL"), kif diġa rilevat permezz tal-ittra datata l-10 ta' Settembru 2019, Omer Faruk Ozbek m'għandu l-ebda dritt għall-dokumentazzjoni relatati mal-istess kumpannija sussidjarja u dan per konsegwenza tal-fatt illi l-istess Omer Faruk Ozbek mhuwiex azzjonista dirett f'EHL.Nonostante dan, l-financial statements huma dokumenti pubbliċi li wieħed jista' jkollu aċċess għalihom mis-sit tar-Reġistratur tal-Kumpanniji.*

7. *Illi l-esponenti jirrespinġu bis-saħħa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrenti nomine illi r-rikorrenti qatt ma ngħata avviż għal laqgħa ġenerali illi saret nhar it-23 ta' Diċembru 2019. L-esponenti jirrilevaw illi nhar il-4 ta' Diċembru 2019, inħareġ avviż mill-kumpannija esponenti AEL lill-azzjonisti, inkluz lir-rikorrent, permezz ta' liema ġiet msejjħa laqgħa ġenerali għat-23 ta' Diċembru 2019, fejn kellu jiġi diskuss l-audited financial statements tal-kumpannija esponenti għas-sena 2018 u sabiex jiġi ri-elett l-esponenti Ivan Cini bħala l-uniku direttur tal-istess kumpannija. Tali avviż inħareġ mill-kumpannija esponenti AEL ai termini tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija esponenti AEL u ċioe` fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data tal-istess laqgħa ġenerali. Kopja ta' tali avviż mogħti lir-rikorrenti qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat 'Dok. AEL1'. Madanakollu dan l-avviż ġie rritornat lura bħala "unclaimed", minkejja l-fatt illi intbagħat*

*fl-indirizz illi ġie mogħti lill-Esponenti (Kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AEL2').*

8. *Illi waqt il-laqgħa ġenerali tat-23 ta' Diċembru 2019, wara illi ġie stabbilit illi ntlaħaq quorum, l-membri preżenti ġew ippreżentati bl-audited financial statements tal-kumpannija esponenti AEL tas-sena 2018, liema financial statements ġew approvati mid-direttur u mill-istess memberi u l-esponenti Ivan Ċini fil-kapaċita` tiegħu ta' direttur ikkonferma illi ġew sottometti mar-Reġistratur tal-Kumpanniji, kif ukoll l-esponenti Ivan Ċini ġie kkonfermat bħala l-unika direttur tal-kumpannija esponenti AEL.*

9. *Illi kif ukoll, nhar il-5 ta' Diċembru 2019, permezz ta' avviż maħruġ ai termini tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija esponenti AEL, l-istess kumpannija sejjħet laqgħa ġenerali straordinarja għat-23 ta' Diċembru 2019 sabiex tiġi approvata żieda fil-kapital azzjonarju awtorizzat u maħruġ tal-kumpannija esponenti AEL, sabiex tiġi approvata l-għoti tal-azzjonijiet ġodda maħruġa mill-kumpannija esponenti AEL lill-kreditur tagħha Birol Atikol u b'hekk jinqata' parti mid-dejn dovut lill-istess kreditur mill-kumpannija esponenti AEL, u kif ukoll sabiex jiġu emendati l-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija esponenti AEL biex jirriflettu tali tibdiliet fl-istess kumpannija. Kopja ta' tali avviż qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat 'Dok. AEL3'. Madanakollu, dan l-avviż ġie ukoll rritornat lura bħala "unclaimed" (Kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok AEL4').*

10. *Dan id-dejn dovut mill-kumpannija esponenti AEL lill-kreditur tagħha kien ilu għal żmien twil fuq il-kotba tal-istess kumpannija u fl-2019, il-kreditur talab illi dan id-dejn jiġi mħallas lura.*

11. *Illi waqt il-laqgħa ġenerali straordinarja tat-23 ta' Diċembru 2019, wara illi ġie stabbilit illi ntlaħaq quorum, l-membri preżenti approvaw, fost l-oħrajn, is-segwenti:*

    a. *Il-pagament ta' erba' mija sebgħa u ħamsin elf u mitejn Ewro (€457,200) rappreżentanti parti mid-dejn dovut lis-Sur Birol Atikol permezz ta' għoti ta' azzjonijiet ġodda fl-ammont ta' elf u mitejn (1,200) ishma ordinarji fil-kapital tal-kumpannija esponenti AEL tal-valur nominali ta' tliet mija wieħed u tmenin Ewro (€381) kull wieħed;*
    b. *Approvaw iż-żieda fil-kapital azzjonarju u maħruġ tal-kumpannija esponenti AEL;*
    c. *Approvaw l-verżjoni emendata tal-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija esponenti AEL;*
    d. *Taw l-awtorizzazzjoni lill-esponenti Ivan Ċini fil-kapaċita` tiegħu ta' segretarju tal-kumpannija sabiex jinħareġ u jiġi sottomess estratt tal-minuti tal-laqgħa ġenerali straordinarja tat-23 ta' Diċembru 2019.*

12. *Jirriżulta allura illi t-talba tar-rikorrenti nomine illi l-azzjonijiet meħuda da parti tal-esponenti jew min minnhom qed jirreka u ser ikompli jirreka preġudizzju b'mod inġust lir-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Dan*

> *għaliex, filwaqt illi l-esponenti segwew il-proċedura rikjesta mill-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija esponenti AEL sabiex jingħataw azzjonijiet ġodda f'isem is-Sur Birol Atikol, din l-għotja saret sabiex titjieb il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpannija esponenti AEL u dan peress illi inqatgħet parti sostanzjali tad-dejn dovut lis-Sur Birol Atikol mill-istess kumpannija. Għaldaqstant, l-esponenti huma sorpriżi immens illi r-rikorrenti qed jallega illi sofra u qiegħed isofri preġudizzju inġust, meta tali għotja saret sabiex igawdu l-azzjonisti kollha tal-kumpannija esponenti AEL.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet kollha premessi, l-esponenti qegħdin jirrespinġu t-talbiet tar-rikorrenti nomine, liema talbiet għandhom għalhekk jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu. B'riserva għall-provi u sottomissjonijiet ulterjuri illi l-esponenti jista' jkollhom x'jippreżentaw apparti d-dokumenti hawn annessi dwar il-fatti dikjarati f'din ir-risposta in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom.*

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2021, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jaqblu li qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjoniji fil-mertu, din il-Qorti kellha l-ewwel tagħti deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni mogħtija fir-risposta tas-soċjeta` intimata Alternative Energy Holdings Limited u l-intimat Ivan Cini, u rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu għal dan l-iskop.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2022, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza fir-rigward tal-imsemmija l-ewwel eccezzjoniu dan wara li semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

### Ikkunsidrat:

Illi **l-intimati** s-soċjeta` Alternative Energy Holdings Limited u Ivan Cini jikkontendu li l-azzjoni tar-rikorrent hija improponibbli stante illi ma tinkwadrax ruħha fil-parametru tal-**artikolu 402 tal-Kap 386** tal-Liġijiet ta' Malta.

Fit-trattazzjoni tagħhom isostnu li fl-ewwel lok ir-rikorrent noe. m'għandux id-dritt li jagħmel it-talbiet kif dedotti <u>minnu għaż-żmien meta l-istess rikorrent noe. ma kienx azzjonist</u> iżda kien jaġixxi tramite il-kopertura ta' *trustee*, li kienet izomm il-mitejn u sitt (206) sehem Ordinarju ta' €1 kull wieħed fil-kumpanija ordinarja għalih, riferibbli għall-kumpanija fiduċjarja liċenzjata ARX Trustees Limited (C-31448).

Fit-tieni lok isostnu li t-talbiet tar-rikorrent noe. huma improponibbli wkoll għaliex l-intimati aġixxew skont il-*Memorandum & Articles of Assocation* tas-soċjeta` intimata.

Oltre` minn hekk isostnu li r-rikorrent noe. kellu diversi miżuri disponibbli għalih skont il-liġi li ma utilizzax qabel ma rrikorra għall-azzjoni odjerna li skont it-teżi tal-intimati juri li r-rikorrent noe. għandu skopijiet oħra li jmorru oltre` minn dak li qed jiġi mitlub f'din il-kawża.

Illi **r-rikorrenti noe**. minn taghha tieghu, isostni b'referenza għad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 2013 fl-ismijiet **Michael Debono Nomine bħala trustee ta' J Saliba Trust u Mary Saliba kontra Mario Debono Pro Et nomine**, li l-fatt li wieħed ikun kopert minn fiduċjarja ma jfissirx li ma jkunx membru. Jista` jkun ma jkunx azzjonist għax mhux reġistrat bhala tali, imma bħala membru jemerġu ukoll mid-drittijiet u l-obligazzjonijiet tieghu.

Isostni li dan l-istess punt ġie kkonfermat wkoll f'deċiżjoni ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Dorita Galea vs Random Consulting Limited et**, deċiża fit-18 ta' Marzu 2021, liema kawża kienet tikkonċerna persuna li kien kopert b'fiduċjarja. Jagħmel referenza wkoll għall-kawża deċiża mill-*High Courts* tal-Ingilterra fl-ismijiet **Atlas View Limited vs Bright Well View Limited** fejn il-Qorti kkonkludiet li azzjoni tista` tinġieb jekk kemm -il darba tkun fl-interess tal-azzjonist, liema interess jinkludi l-interessi ekonomiċi u kontrattwali ta' kull *beneficial owner* tal-ismha konċernati. B'hekk isostnu li ċertament li l-azzjoni hija waħda proponibbli taħt l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi mill-premessi fir-rikors promotur jirrizulta illi:

> *Illi r-rikorrent Omer Faruk Ozbek huwa d-detentur ta' mitejn u sitt (206) sehem Ordinarju ta' €1 kull wiehed fil-kumpanija intimata;*
>
> *Illi sa ftit zmien ilu, iktar precizament sat-3 ta' April 2019, is-sehem tieghu kienu qed jinzammu ghalih mill-kumpanija fiducjarja licenzjata ARX Trustees Limited [C-31448], liema kumpanija kienet registrata mal-Malta Business Registry bhala d-detentrici tal-fuq imsemmija mitejn u sitt (206) sehem Ordinarju ta' €1 kull wiehed;*
>
> *Illi fit-3 ta' April 2019, tnehhiet il-kopertura fiducjarja biex b'hekk Omer Faruk Ozbek qieghed jidher f'ismu bhala azzjonist tal-kumpanija intimata;*

Illi ghalhekk ghall-perjodu sat-30 ta' April 2019 u dak li seta' gara fil-kumpannija sa dak in-nhar, l-intimati jikkontendu illi r-rikorrenti ma jistghax jipproponi l-azzjoni odjerna, peress illi ma kienx ir-rikorrent il-membru fis-socjeta`, imma l-kumpannija fiducjarja msemmija.

Tqis illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati tirrigwarda appuntu l-*locus standi* tar-rikorrent noe. sabiex jipproponi azzjoni taħt l-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, almenu ghal dak iz-zmien sakemm is-socjeta' fiducjarja ARX Trustees kienet hi l-membru registrat tal-kumpannija intimata.

**Illi irid jingħad mill-bidu, illi dak li qed tgħid il-Qorti f'din is-sentenza in parte mhux u ma għandux jigi miftiehem jew interpretat illi l-Qorti daħlet jew qed tesprimi ruħha fuq il-mertu tal-vertenza, iżda dak li qed hawnekk qed jingħad biss għall-finijiet ta' dak hawnekk trattat u deċiż b'mod parzjali.**

Ukoll fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirreferi ghat-tieni u t-tielet raguni mressqa mill-intimati biex isostnu l-posizzjoni taghhom fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni taghhom, ossia, (a) illi *huma aġixxew skont il-Memorandum & Articles of Assocation tas-soċjeta`*

*intimata* u (b) illi *r-rikorrent noe. kellu diversi miżuri disponibbli għalih skont il-liġi li ma utilizzax qabel ma rrikorra għall-azzjoni odjerna* – u tqis illi in kwantu illi dawn ir-ragunijiet jmissu jew jistghu imissu l-mertu tal-azzjoni, allura hija mhix ser tiehu konjizzjoni taghhom f'dan l-istadju, imma tqis biss illi ghal finijiet ta' ezami tal-locus standi tar-rikorrenti ghall-perjodu hawn fuq riferit, tali ragunijiet huma irrelevanti.

Jibqa' ghalhekk illi jigi mistharreg jekk *ir-rikorrent noe. għandux id-dritt li jagħmel it-talbiet kif dedotti minnu għaż-żmien meta l-istess rikorrent noe. ma kienx azzjonist iżda kien jaġixxi tramite il-kopertura ta' trustee,* liema trustee allura kienet il-membru registrata fi hdan il-kumpannija intimata.

Ma hemmx dubbju illi l-kumpannija fiducjarja setghet hi tiehu l-passi opportuni fiz-zmien propizju. Ma hemmx dubbju l-anqas illi l-kumpannija fiducjarja kienet qed tezercita rwol fl-interess tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Fil-kaz **Av. Antoine Naudi noe. vs Boreas Holding Ltd**[2], ir-rikorrent f'dik il-procedura kien l-*Av. Antoine Naudi [ID. 448570 (M)] bhala mandatarju specjali ta` Andreas Strime Christensen, detentur tal-Passaport Norvegiz bin-numru 30349816 fil-kwalita` tieghu ta` "trustee", mahtur mill-Asker and Baerum District Court fin-Norvegja, tal-proprjeta` ossia "estate" tad-defunt Thor Stian Kennedy Normann.*

Il-Qorti tqis illi r-rikorrenti f'dak il-kaz kien intavola l-procedura ai termini tal-Artikolu 402 meta addirittura, <u>anke f'dak l-istadju</u>, l-ismha kienu ghandhom mizmuma minn *trust*.

Il-Qorti qalet hekk:

> ***IV. Locus standi***
>
> *Art. 402(1) jaghti lil kull* ***membru*** *ta` kumpannija l-jedd li jintavola azzjoni ta` din ix-xorta.*
>
> *Il-mandant tar-rikorrent mexxa bl-azzjoni odjerna bis-sahha tad--dokument a fol 33 u 34 tal-process.*
>
> *Id-dokument huwa provvediment moghti mill-Asker and Baerum District Court fil-25 ta` Jannar 2019.*
>
> *It-titolu tad-dokument huwa : Appointment of Executor.*
>
> *Fil-provvediment jinghad li dik id-District Court ghandha s-setgha bis-sahha tal-ligi Norvegiza to appoint executors of estates.*
>
> *In esekuzzjoni tas-setghat taghha, il-Qorti appuntat lil Andreas Strime Christensen li huwa Attorney-at-law bhala* ***sole trustee*** *in charge of the estate after Thor Stian Kennedy Normann, born 18th of April 1979,*

[2] 18/2019JZM deciza 13.07.2020

*deceased 23rd of August 2018,* ***in the interest of all beneficiaries, heirs*** *and creditors (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti) [ara fol 33]*

*Ghalkemm il-kumpannija ntimata ma pprezentatx risposta, il-Qorti sejra xorta wahda tistharreg jekk Andreas Strime Christensen, mandant tar-rikorrent Av. Antoine Naudi, kellux locus standi sabiex jistitwixxi l-azzjoni odjerna.*

*Sejra tirreferi ghat-test bl-Ingliz tal-Kap. 386 sabiex tiffacilita ezami komparattiv mal-ligi Ingliza.*

*"****Member****" huwa definit fl-ewwel subinciz tal-Art. 2 tal-Kap. 386.*

*Hemm jinghad illi : "****except where otherwise specifically defined, means a shareholder of a company …*** *"*

*Fl-istess subinciz, "****shareholder****" huwa definit bhala : "****a person entered in the register of members of a company …****"*

*Ghall-iskop tal-Art. 402, il-legislatur ried iwessa` t-tifsira ta` "member" tant li fis-subinciz (6) zied illi "****member****" includes :*

*"****a person entitled at law to represent the interests of a deceased member, a person to whom shares in the company have lawfully devolved by way of testate or intestate succession, and a trustee, as defined in article 127, who holds shares in the company****.*

*Fl-****Art. 127*** *tal-Kap. 386,* ***trustee*** *huwa definit bhala* ***a person who may act as a trustee in accordance with the Trusts and Trustees Act and includes any fiduciary holding shares on behalf of another person***

*Fil-****Kap. 331*** *tal-Ligijiet ta` Malta, u cioe` it-Trusts and Trustees Act, "****trustee****" ghandu din it-tifsira: "****in relation to property, means the person or persons holding the property or in whom the property is vested on terms of trust in accordance with the provisions of this Act or, a person that is otherwise deemed to be a trustee under this Act****"*

*Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi ghall-ahjar interpretazzjoni tal-ligi taghna ghandha ssir riferenza ghas-sources taghha. Aktar kmieni saret referenza ghal dak li kienet Sec 459 tal-Companies Act Ingliza 1985 li wara li saret il-Companies Act 2006 kienet sostitwita b`Sec 994(1) ghalkemm it-test baqa` l-istess.*

***Sec 994*** *tal-Companies Act 2006 Ingliza tghid :-*

*1) A member of a company may apply to the court by petition for an order under this Part on the ground—*

*(a) that the company's affairs are being or have been conducted in a manner that is unfairly prejudicial to the interests of members generally or of some part of its members (including at least himself), or*

*(b) that an actual or proposed act or omission of the company (including an act or omission on its behalf) is or would be so prejudicial.*

*(2) The provisions of this Part apply to a person who is not a member of a company but to whom shares in the company have been transferred or transmitted by operation of law as they apply to a member of a company.*

*(3) In this section, and so far as applicable for the purposes of this section in the other provisions of this Part, "company" means—*

*(a) a company within the meaning of this Act, or*

*(b) a company that is not such a company but is a statutory water company within the meaning of the Statutory Water Companies Act 1991.*

*Ghall-fini ta` kompletezza ta` analizi, trid issir riferenza ukoll ghal **Sec 112** tal-Companies Act 2006 Ingliza li jaghti tifsira ta` "member" billi tghid illi – (1) The subscribers of a company's memorandum are deemed to have agreed to become members of the company, and on its registration become members and must be entered as such in its register of members.*

*(2) Every other person who agrees to become a member of a company, and whose name is entered in its register of members, is a member of the company.*

***Mayson, French & Ryan** fil-ktieb taghhom "**Company Law**" (26th Edition – OUP) Pg 565 ighidu hekk –*

*Under CA 2006, s. 994(1) a petition for relief of unfairly prejudicial conduct of a company`s affairs may be presented by a member of the company …*

*A person to whom shares in a company have been transferred or have been transmitted by operation of law but who is not a member of the company (because of not being on the register of members) is treated as a member for the purposes of CA 2006 s.994(1) and reference to a members or members must be construed accordingly [s 994(2)].*

*The word "transferred" in s 994(2) requires at least that a proper instrument of transfer should have been executed and delivered to the transferee or the company in respect of shares in question. It is not sufficient that there is an agreement for transfer (Re Company (No 003160 of 1986) [1986] BCLC391 ; Re Quickdome Ltd (1988) BCLC 370).*

*The phrase "transmitted by operation of law" in s 994(2) refers to a legal process by which the legal title passes and does not cover the creation of an equitable interest for example under a trust (Re a Company (No 007828 of 1985) (1985) 2 BCC 98,951).*

*A nominee shareholder, holding shares as a bare trustee, may petition under s 994 because the interests of such a shareholder include the*

*economic and contractual interests of the beneficial owners of the shares (Atlasview Ltd vs Brightview Ltd (2004) EWHC 1056 (Ch) (2004) 2 BCLC 191.*

*Tal-istess fehma huma Gower and Davies fil–"Principles of Modern Company Law" (Eight Edition – Sweet & Maxwell) Pg 682 ; u Sealy fil-"Cases and Materials in Company Law" (Ninth Edition – OUP) Pg. 651-652.*

***Bis-sahha tal-provvediment tal-25 ta` Jannar 2019, l-Asker and Baerum District Court appuntat lil Andreas Strime Christensen mhux biss bhala executor tal-wirt ta` Normann izda wkoll bhala sole trustee in charge of the estate. Wara li qieset l-Art. 402(6) tal-Kap. 386, kif ukoll id-dottrina Ingliza f`dan il-qasam, din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni li l-mandant tar-rikorrent jikkwalifika bhala member ghall-finijiet u effetti kollha tal-Art. 402 sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna**.*

Pozizzjoni simili haditha l-istess Qorti f'sentenza moghtija fl-istess gurnata fil-kawza *Av. Antoine Naudi [ID. 448570 (M)] bhala mandatarju specjali ta` Andreas Strime Christensen, detentur tal-Passaport Norvegiz bin-numru 30349816 fil-kwalita` tieghu ta` "trustee", mahtur mill-Asker and Baerum District Court fin-Norvegja, tal-proprjeta` ossia "estate" tad-defunt Thor Stian Kennedy Normann vs Aiolos Invest Holding*.[3]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fid-deċiżjoni ccitata mir-rikorrenti noe u moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Michael Debono noe et vs Mario Debono pro et noe** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2013 u fejn id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet kkonfermata, il-Qorti qalet is-segwenti.

*"...it-tifsira ta' "membru" mogħtija fl-art. 402(6) ma hijiex esklużiva, u hija wkoll interpretazzjoni neċessarja għax kull interpretazzjoni oħra tkun assurda, billi ċċaħħad lis-sidien ta' dawk l-ishma mill-ħarsien tal-liġi, aktar u aktar meta l-preġudizzju jkun ġej mill-fatt illi min għandu l-kontroll tal-kumpannija jkun qiegħed, bħal ma qiegħed jiġri fil-każ ta llum, jirrifjuta r-reġistrazzjoni tal-ishma f'isem min għadu ħaj u għalhekk għandu facultas agendi. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti, ma setax kien dan il-ħsieb tal-leġislatur, aktar u aktar meta tqis illi ħafna drabi r-rimedju mitlub taħt l-art. 402 jkun wieħed li, biex ikun utli, irid jingħata tempestivament. Il-ħsieb tal-leġislatur żgur li ma kienx illi jippremja l-ostruzzjoniżmu kif tagħmel l-interpretazzjoni li jridu l-konvenuti.*

*Il-pożizzjoni ta' Michael Debono hija aktar ċara. L-art. 402(6) igħid inekwivokabilment illi persuna li għandha jkunu għaddew leġittimament azzjonijiet fil-kumpannija b'wirt, ukoll b'wirt testamentarju, titqies*

[3] 17/2019JZM

> *membru. It-trustee fl-interess tat-trust huwa l-werriet testamentarju ta' Joseph Saliba u għalhekk membru u manifestament leġittimat biex iressaq l-azzjoni taħt l-art. 402."*

Ukoll fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Dorita Galea vs Random Consulting Limited** et deċiża 18 ta' Marzu 2021.

> *"Ghall-fini tal-azzjoni tal-lum, kif promossa mir-rikorrenti, il-locus standi ta` r-rikorrenti ma jistax jigi determinat biss abbazi tat-tifsira ta` member li tirrizulta fl-Art 2(1) tal-Kap 386 (except where otherwise specifically defined, means a shareholder of a company and a partner in any other commercial partnership) jew abbazi tat-tifsira ta` shareholder fl-istess Art 2(1) tal-Kap 386 (means a person entered in the register of members of a company pursuant to article 123 or the bona fide holder of a share warrant referred to in article 121) jew abbazi tat-tifsira ta` member skont l-Art 402(6) tal-Kap 386 (includes a person entitled at law to represent the interests of a deceased member, a person to whom shares in the company have lawfully devolved by way of testate or intestate succession, and a trustee, as defined in article 127, who holds shares in the company).*
>
> *Il-qorti tghid illi ghall-iskop tal-azzjoni skont l-Art 402, bl-includes fis-subartikolu (6), il-legislatur ried jestendi d-dritt ta` azzjoni ghall-persuni ndikati fis-subartikolu (6) b`zieda ma` dawk li jikkwalifikaw fit-tifsira ta` member u shareholder skont l-Art 2(1).*
>
> *L-uzu tal-frazi includes minflok il-frazi means ma kenitx mahsuba sabiex tiftah il-bieb berah ghal kulhadd illi jittenta l-azzjoni skont l-Art 402 fuq il-pretest illi l-frazi includes ma taghtix l-idea ta` "an exhaustive provision of law".*
>
> *Fl-istess waqt, m`ghandhomx jigu eskluzi milli jressqu l-azzjoni persuni li ghandhom jedd.*
>
> *Lanqas m`ghandu jkun li, b`interpretazzjoni restrittiva u stretta ta` member u ta` shareholder, persuni li ghandhom jedd jigu prekluzi milli jmexxu bl-azzjoni."*

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Isegwi għalhekk li din il-Qorti jeħtieġ teżamina u tiddeċiedi jekk persuna li jkollu fidiċjarja taġixxi għan-nom tiegħu għandux jitqies bħala membru għal fini tal-artikolu 402(6) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz odjern, kien hemm it-terminazzjoni tat-trustee bhala membru fi hdan il-kumpannija odjerna fit-3 ta' April 2019 u l-bidu tar-rikorrenti Omer Faruk Ozbek bhala membru ufficjali u registrat. Pacifiku jinghad illi fil-perjodu qabel it-3 ta' April 2019, il-kumpannija fiducjarja ARX Trustees Limited kienet qed izomm l-ismha fis-socjeta' intimtata fl-interess ta' l-istess rikorrent attwali.

Il-Qorti tqis illi jekk kien legittimu ghall-kumpannija fiducjarja illi tiehu azzjoni dak iz-zmien meta kienet hi l-membru registrata fl-interess tar-rikorrent, ma tarax ghaliex ir-rikorrent ma jistghax jipprocedi b'din l-azzjoni hu meta llum huwa hu l-membru u jinkludi ukoll il-perjodu meta l-ismha kienu mizmuma ghalih u fl-interess tieghu mit-*trustee* illi kellha kull dritt, kieku riedet, illi tipprocedi dwar il-fatti li allegatament setghu sehhu.

Jirriżulta li fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija tali illi llum ir-rikorrenti, kif rapprezentat, huwa s-socju/membru registrat u qieghed ifittex l-interessi tieghu ukoll ghall-perjodu fejn kien it-*trustee* irreġistrat bħala membru f'isem l-istess rikorrent.

Il-Qorti tqis illi gja la darba l-leġislatur, kif ikkonfermat kemm mill-ġurisprudenza Ingliża u kemm dik Maltija, kif suespost, ried jestendi l-azzjoni għal dak it-*trustee* li qiegħed jaġixxi fl-interessi tal-*beneficial owner,* ċertament li ma tistax tikkonkludi illi kienet l-intenzjoni tal-istess leġislatur li b'xi mod jeskludi mill-azzjoni taħt l-artikolu 402 tal-Kap 386 lil dik il-persuna li fl-aħħar mill-aħħar ħa tibbenefika jew ssofri mit-tmexxija tal-kumpanija b'responsabilita limitata, anke jekk din kienet qed taġixxi tramite fiduċjarja, meta llum l-istess beneficcjarju huwa hu stess il-membru registrat.

Fil-fatt fil-kawza **Michael Debono noe vs Mario Debono pro et noe**[4], il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *Kif igħid ċar l-art. 123(2), u kif ukoll qalet din il-qorti fis-silta miġjuba fuq mis-sentenza in re Jean Karl Soler et v. Raymond Vassallo et, meta żewġ persuni jkollhom ishma flimkien, dawn l-ishma jiġu reġistrati f'isem wieħed biss minnhom, u dak il-wieħed biss jitqies li huwa l-"membru". Sa hawnhekk għandhom raġun il-konvenuti.*
>
> *Dan iżda jista' jgħodd biss <u>meta l-persuna li f'isimha jkunu reġistrati l-ishma tkun għadha ħajja</u> u mhux meta, bħal fil-każ tallum, dik il-persuna tkun mejta. Din l-interpretazzjoni hija possibbli għax, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, it-tifsira ta' "membru" mogħtija fl-art. 402(6) ma hijiex esklużiva, u hija wkoll interpretazzjoni neċessarja għax kull interpretazzjoni oħra tkun assurda, billi ċċaħħad lis-sidien ta' dawk l-ishma mill-ħarsien tal-liġi …..*

Il-Qorti taghmel anologija u tghid illi fil-kaz tal-llum, mhux membru mejjet fizikament hemm, izda membru illi kien registrat bhala *trustee* illi ma ghadux u allura "meqjus mejjet" tant illi l-*beneficial owner* ta' dak it-trust huwa illum il-membru registrat.

Fuq kollox kif dejjem irritenew il-Qrati taghna[5],

> *… l-Artikolu 402 ta` l-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin flimpossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess …*

[4] Deciza fit-28 ta' Gunju, 2013; Appell Civili Numru. 50/2011/1

[5] Per ezempju: **Vella et vs Vella Brothers Ltd et**, deciza mil-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007

Ma ghandux ikun disputat illi r-rikorrenti kien u ghadu persuna illi kellu interess anke f'dak illi gara fil-kumpannija meta l-ismha tieghu kienu mizmuma mit-*trustee* fl-interess tieghu.

Għalhekk ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li bl-istess mod kif it-*trustee*, meta kien irreġistrat bħala membru mar-Reġistrar tal-Kumpaniji, seta' jipprocedi hu bl-azzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386, bl-istess mod, issa illi t-trust giet zvestita mill-inkarigu taghha a favur il-beneficcjarju taghha illi huwa issa l-membru ufficjalment registrat, dan ta' l-ahhar ghandu d-dritt illi jipprocedi ai termini tal-artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta anke ghall-allegat agir tal-kumpannija fil-perjodu meta l-ismha tieghu kienu mizmuma fl-interess tieghu minn *trustee*.

**GĦALDAQSTANT,** għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda:

1. **Ticħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, spejjez għall-intimati.

2. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawza.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**